-Importazzjoni ta' Vettura Uzata-

-Art 110 TFEU (gja Art 90)-

-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta-

-Taxxa fuq il-Valur Mizjud-

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 1215/2008/LSO**

**L-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti (ID 243975M) u martu Gabriella Ciliberti (ID 239676M), Dr Albert Bezzina (ID 698260M) u martu Antje Bezzina (ID 19158A) , Dr Ivan X. Gatt (ID 558260M) u martu Marie Louise Gatt (ID 436371), Ramon Azzopardi (ID**

**565574M), Ruben Galea (ID 417676M), Kevin Sultana (ID 36477M) u John Farrugia (ID 624548M) u martu Maria Dolores Farrugia (ID 608449M)**

**vs**

**L-Onor.evoli Prim Ministru, l-Onor.evoli Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, l-Onor.evoli Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Chairman tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti, Dr Ivan X. Gatt, Dr Albert Bezzina, Ruben Galea, Kevin Sultana u Ramon Azzopardi datat 4 ta' Dicembru 2008 fejn l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti bil-gurament tieghu kkonferma :

Illi r-rikorrenti l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti akkwista mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Alfa Romeo 156 Twin Spark Veloce bin-numru ta' registrazzjoni GY53BTE, llum CIL119, mghammra b'magna petrol ta' kapacita 1747cc u manifatturata fis-sena 2003, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Ili r-rikorrenti l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti gie kostrett ihallas is-somma ta' sebat elef disa' mija u sebghin ewro u disghin centezmu (€7,970.90) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' sitt elef seba' mija u hamsa u hamsin ewro (€6,755.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' elf mitejn u hmistax-il ewro u disghin centezmu (€1,215.90) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' disghat elef tliet mija u sbatax-il ewro (€9,317.00).

Illi r-rikorrenti Dr Albert Bezzina akkwista mill-Italja vettura uzata tal-marka Porche Carrera Coupe registrata bin-numru ta' registrazzjoni W303746, illum EYE993, mghammra b'magna petrol ta' kapacita 3600cc u manifatturata fis-sena 1993, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi l-rikorrenti Dr Albert Bezzina gie kostrett ihallas is-somma ta' tletin elf mitejn u tlieta u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€30,235.14) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' hamsa u ghorxin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro (€25,623.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' erbat elef sitt mija u tnax-il ewro u

erbatax-il centezmu (€4,612.14) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' erba' u tletin elf ewro (€34,000);

Illi r-rikorrenti Dr Ivan X. Gatt importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Porche Boxter Convertible bin-numru ta' registrazzjoni S777EEV, illum ZOE986, mghammra b'magna petrol ta' kapacita` 2500cc u manifatturata fis-sena 1998, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi r-rikorrenti Dr Ivan X. Gatt gie kostrett ihallas is-somma ta' ghoxrin elf u hamsa u sittin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€20,065.23) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' sbatax-il elf u erba' ewro u tlieta u erbghin centezmu (€17,004.43) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' tlett elef u sittin ewro u tmenin centezmu (€3,060.80) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€21,523.41).

Illi r-rikorrenti Ramon Azzopardi akkwista minn Malta vettura uzata tal-marka BMW Z3 registrata fir-Renju Unit bin-numru ta' registrazzjoni T159UCF, illum BBS739, mghammra b'magna petrol ta' kapacita` 1895cc u manifatturata fis-sena 1999;

Illi r-rikorrenti Ramon Azzopardi gie kostrett ihallas is-somma ta' hdax-il elf hames mija u tlieta u erbghin ewro u

erba' u disghin centezmu (€11,543.94) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' disat elef seba' mija u tlieta u tmenin ewro (€9,783.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' elf seba' mija u sittin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,760.94) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' sitt elef tlett mija u tlieta u ghoxrin ewro (€6,323.00);

Illi r-rikorrenti Ruben Galea importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka BMW M6 Convertible bin-numru ta' registrazzjoni YA07KRM, illum R-G, mghammra b'magna petrol ta' kapacita` 4999cc u manifatturata fis-sena 2007, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi r-rikorrenti Ruben Galea gie kostrett ihallas is-somma ta' sitta u sittin elf mitejn u erbgha u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€66,274.11) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' sitta u hamsin elf mija u erbgha u sittin ewro u hamsin centezmu (€56,164.50) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' ghaxart elef mija u disa' ewro u wiehed u sittin centezmu (€10,109.61) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' erbgha u sebghin elf, tmien mija u sitta u tmenin ewro (€74,886.00);

Illi r-rikorrenti Kevin Sultana importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Audi TT Quattro 225 Coupe bin-numru ta' registrazzjoni Y599KAN, illum AUD177, mghammra b'magna petrol ta' kapacita` 1781cc u manifatturata fis-sena 2001;

Illi r-rikorrenti Kevin Sultana gie kostrett ihallas is-somma ta' disghat elef, sitt mija u disgha u hamsin ewro u hamsa u tletin centezmu (€9,659.35) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' tmient elef, mija u hamsa u tmenin ewuro u tmienja u tmenin centezmu (€8,185.88) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' elf erba' mija u tlieta u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,473.47) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' tlettax-il elf sitt mija u tlieta u erbghin ewro u erbatax-il centezmu (€13,643.14);

Illi r-rikorrenti John Farrugia importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Ford Transit Connect 200 Van bin-numru ta' registrazzjoni HK05ZKE, illum KBL313, mghammra b'magna diesel ta' kapacita` 1753cc u manifatturata fis-sena 2005;

Illi r-rikorreriti John Farrugia gie kostrett ihallas is-somma ta' erbat elef u sebgha u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€4,067.46) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' tlett elef erba' mija u sebgha u erbghin ewro (€3,44700) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' sitt mija u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centezmu (€620.46) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u disghin ewro (€4,694.00);

Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kull wiehed mir-rikorrenti hallas l-ammont li l-intimati esigew ghar-registrazzjoni tal-vetturi f'Malta kontra l-volonta' tieghu u whud taht protest.

Illi inoltre, r-rikorrenti ntavolaw ittri ufficjali li kopja taghhom qieghda tigi mmarkat bhala Dok. A, B u C, liema ittri ufficjali gew intavolati, *inter alia,* ghal finijiet ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-impostazzjoni tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ir-registrazzjoni f'Malta tal-vetturi uzati propjeta' tar-rikorrenti provenjenti mill-Unjoni Ewropea u l-impostazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud *ai termini* tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta fuq it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi proprjeta' tar-rikorrenti tmur, *inter alia*, kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea u d-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112 KE dwar is-Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur MIzjud.

2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-intimati jew min minnhom applikaw l-istess ligijiet fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti bi ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u/jew bi ksur tad-disposizzjonijiet u d-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112 KE dwar is-Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

3. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-impostazzjoni tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni f'Malta kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kull wahda mill-vetturi proprjeta' tar-rikorrenti hija nulla, invalida u minghajr effett, in kwantu l-istess impostazzjoni tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni kif kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta tmur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea;

4. Tiddikjara u tiddeciedi inoltre illi l-impostazzjoni tal-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni f'Malta fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti hija nulla, invalida u minghar effett, in kwantu l-istess decizjoni tmur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tad-Komunita` Ewropea u/jew d-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112 KE dwar is-Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

5. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrifondu lil kull wiehed mir-rikorrenti dak l-ammont li kull wiehed mir-rikorrenti gie ordant, illegalment u abbuzivament, ihallas *ai termini* tal-Kapitolu 368 u 406 bi ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea u/jew d-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112 KE dwar is-Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz dawk tal-protesti gudizzjarji u ittri ufficjali, li huma minn issa ngunti in subizzjoni, u bl-imghaxijiet skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-26 ta’ Jannar 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-Prim Ministru, tal-Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ta' l-Avukat Generali datata 31 ta’ Dicembru 2008 (fol 30) fejn bir-rispett u Joseph Sammut, Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-gurament ikkonferma:

Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari ir-rikors guramentat huwa irritwali kit ukoll irrecevibbli u ghalhekk null fit-termini ta' l-Artikolu 156(1) Tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili billi huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tispjega b' mod car u sewwa l-ogget tal-kawza kif ukoll minn spjegazzjoni tar-raguni tat-talba u partikolarment minn spjegazzjoni ghaliex huwa allegat fit-talbiet illi l-hlasijiet imsemmija fil-premessi jivvjolaw l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-hekk imsejha s-Sitt Direttiva li la huwa moghti n-numru u lanqas l-isem taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u wkoll *in linea* preliminari l-Onor.evoli Prim Ministru mhuwiex il-legittimu

kontradittur u dan *a tenur* ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunitajiet Ewropea hekk kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta;

2. Illi peress illi t-taxxa ta' registrazzjoni mhix suggetta ghall-armonizzazzjoni, l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej huma hielsa li jezercitaw il-kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi;

3. Illi fil-fatt, il-Qorti Europea tal-Gustizzja qatt ma kkontestat id-dritt ta' Stat Membru illi jimponi taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi u lanqas qatt ma intromettiet ruhha dwar l-ammont ta' taxxa mposta;

4. Illi ma hemm xejn la illegali u lanqas abbuziv fl-impozizzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni Maltija fuq vetturi uzati *stante* li mhux qed tigi imposta, direttament jew indirettament, l-ebda taxxa ohra fuq prodotti ta' Stati Membri ohrajn oltre dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti simili lokali. Inoltre Malta m'ghandhiex manifattura domestika ta' vetturi u

ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur ta' l-imsemmi Artikolu 90;

5. Illi ghar-ragunijiet suesposti d-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi partikolari in kwistjoni kienet gusta skont il-ligi ta' Malta u tal-Komunita` Ewropea;

6. Illi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fin-nuqqas assolut ta' xi motivazzjoni fir-rikors promotur li tispjega l-pretensjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward, ghandu jigi ritenut, ghaliex hekk hu fil-fatt u fid-dritt, li d-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li biha ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni kienet gusta u skont il-ligi ta' Malta u tal-Komunita` Ewropea. Ghal kull *buon fini* jizdied li d-dazju ta' registrazzjoni Malti hu direttament marbut ma' l-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi inkluz fl-ammont ta' l-akkwist li fuqu tithallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kuntest tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jopponu l-azzjoni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta datata 2 ta' Jannar 2009 a fol 34 tal-proccess fejn

Raymond Attard (Chief Executive Officer) bil-gurament kkonferma:

Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari ir-rikors guramentat huwa irritwali kif ukoll irrecevibbli u ghalhekk null fit-termini ta' l-Artikolu 156(7) tal-Kodici taI-Organizzazjoni u Procedura Civili billi huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tispjega b' mod car u sewwa l-oggett tal-kawza kif ukoll minn spjegazzjoni tar-raguni tat-talba u partikolarment minn spjegazzjoni ghaliex huwa allegat fit-talbiet illi l-hlasijiet imsemmija fil-premessi jivvjolaw l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-hekk imsejha s-Sitt Direttiva li la huwa moghti n-numru u lanqas l-isem taghha;
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-mertu, l-allegazzjonijiet u I-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita Ewropea hekk kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta;

2. Illi peress illi t-taxxa ta' registrazzjoni mhix suggetta ghall-armonizzazzjoni, l-lstati Membri tal-Komunitajiet Ewropej huma hielsa li jezercitaw il-kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi;

3. Illi fil-fatt, il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja qatt ma kkontestat id-dritt ta' Stat Membru illi jimponi taxxa ta'

registrazzjoni fuq vetturi u lanqas qatt ma intromettiet ruhha dwar l-ammont ta' taxxa mposta;

4. Illi ma hemm xejn la illegali u lanqas abbuziv fl-impozizzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni Maltija fuq vetturi uzati *stante* li mhux qed tigi imposta, direttament jew indirettament, l-ebda taxxa ohra fuq prodotti ta' Stati Membri ohrajn oltre dik imposta direttament jew indirettamet fuq prodotti simili lokali. Inoltre Malta m'ghandhiex manifattura domestika ta' vetturi u ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur ta' l-imsemmi Artikolu 90;

5. Illi ghar-ragunijiet suesposti d-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi partikolari in kwistjoni kienet gusta skont il-ligi ta' Malta u tal-Komunita` Ewropea;

6. Illi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fin-nuqqas assolut ta' xi motivazzjoni fir-rikors promotur li tispjega l-pretensjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward, ghandu jigi ritenut, ghaliex hekk hu fil-fatt u fid-dritt, li d-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li biha ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni kienet gusta u skont il-ligi ta' Malta u tal-Komunita` Ewropea. Ghal kull *buon fini* jizdied li d-dazju ta' registrazzjoni Malti hu direttament marbut ma' l-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi inkluz fl-ammont ta' l-akkwist li fuqu tithallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kuntest tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

7. Salv kontestazzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jopponu l-azzjoni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti Prim Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali datata 18 ta' Marzu 2009 a fol 132 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 30 ta' April 2009 a fol 137 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2009 (fol 141) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-konsulenti legali ddikjaraw li m' ghandhom xejn xi jzidu man-noti taghhom. Il-kawza giet differita ghal decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari ghall-10 ta' Novembru 2009; u rat il-verbali l-ohra kollha inkluz dak tat-28 ta' Settembru 2010 (fol 151) fejn giet moghtija sentenza *in parte* fejn il-Qorti kif divesament presjeduta :

*"tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, izda fl-istess hin timponi terminu ta' xahrejn lir-rikorrenti biex jipprezentaw in-nota spjegattiva msemmija fil-paragrafu precedenti."*

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi datata 6 ta' Dicembru 2012 a fol 253 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti tal-Onor.evoli Prim Ministru, tal-Onor.evoli Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, tal-Onor.evoli Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali datata 14 ta' Jannar 2013 a fol 261 tal-process.

Rat is-surroga datata 13 ta' Frar 2014 (fol 282) fejn din il-kawza giet trasferita lil din l-Qorti kif hekk illum ippresjeduta.

Rat in-nota' ta' sottomissjonijiet tal-Onor.evoli Prim Ministru, tal-Onor.evoli Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, tal-Onor.evoli Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, tac-Chairman ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali datata 17 ta' Ottubru 2015 a fol 330 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Dr Marco Ciliberti, Ruben Galea u John Farrugia pprezentata *seduta stante* fis-26 ta' Novembru 2015 a fol 360 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Dr Albert Bezzina u martu Antje Bezzina, Dr Ivan X. Gatt u martu Marie Louise Gatt datata 1 ta' Frar 2016 a fol 386 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 18 ta' Frar 2016 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Marco Ciliberti ghalih innifsu u ghall-atturi Ruben Galea u John Farrugia. Dehret Dr Ruth Scott li assumiet il-patrocinju tal-atturi Dr Albert Bezzina, martu Antje Bezzina, Dr Ivan X Gatt u martu Marie Louise Gatt. Prezenti l-attur Dr Albert Bezzina. Deher Dr Christian Falzon Scerri ghall-intimati kollha. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ser jistriehu fuq in-noti pprezentati. Deher Jamie Gatt ghall-Ministeru tal-Finanzi. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Gunju 2016 fid-9:30a.m. ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija azzjoni kumulattiva mressqa min-numru ta’ persuni li permezz tal-istess qed jimpunjaw l-ammont ta’ taxxa li b’mod individwali kellhom iħallsu lill-Gvern bejn is-snin 2006 u 2008 biex setgħu rreġistraw u daħlu ġewwa Malta vetturi użati li huma kienu xtraw barra minn Malta;

Ir-rikorrenti qed jitolbu rifuzjoni ta’ hlas li sar sabiex ir-rikorrenti jdahhlu f’Malta vetturi *second hand* importati minn barra minn Malta. Illi l-hlasijiet li saru kienu konsistenti fit-taxxa tal-ewwel registrazzjoni u fit-Taxxa fuq Valur Mizjud. Illi r-rikorrenti jsostnu li l-hlas ta’ taxxa li sar lill-Awtorita` ghat-Trasport kien jikser l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Kumounita` Ewropea.

L-intimati, inkluz, l-Awtorita` tat-Trasport, laqghu billi sostnew li ma kien hemm l-ebda ksur **tal-Artikolu 90** tat-**Trattat dwar il-Komunita Ewropea** billi t-taxxa ta' registrazzjoni mhix soggetta ghal armonizazzjoni tal-istati membri, u billi l-Qorti Ewropea tal-Gustizzja qatt ma kkontestat id-dritt ta' Stat membru li jimponi taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi. Gie eccepit li m'hemm xejn illegali fl-impozizzjoni ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi uzati, anke *in vista* tal-fatt li Malta m'ghandhiex manifattura domestika ta' vetturi u ghalhekk ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodott domestiku, bi ksur tal-Artikolu 90. Gie eccepit ukoll li t-taxxa tal-ewwel registrazzjoni kienet gusta u t-taxxa fuq il-valur mizjud kienet gusta wkoll.

**<u>Fatti:</u>**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtraw u akkwistaw vetturi *second hand* fil-maggor parti mir-Renju Unit, biex idahluhom Malta ghall-uzu personali taghhom, wara li saru l-hlasijiet mehtiega skont il-ligi Ingliza. Illi ladarba l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu *second hand*, il-hlasijiet ta' taxxa ta' registrazzjoni u VAT diga kienu mhallsa mis-sid precedenti. Meta l-vetturi waslu Malta, r-rikorrenti gew infurmati li biex jirregistraw il-vetturi, kellhom jithallsu ammonti diversi ghall-vetturi rispettivi, konsistenti f'taxxa ta' registrazzjoni u ammonti ohrajn ta' taxxa ghal valur mizjud. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeghdin jipprocedu b'dan il-kaz ghar-rifuzjoni

tal-ammonti mhallsa *stante* l-allegat ksur tal-ligi domestika u l-ligijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Provi:**

**Dr. Marco Ciliberti** b'affidavit (fol 51-52) xehed li hu kien ghazel li jixtri vettura second hand mill-Ingilterra tal-marka Alfa Romeo 156 Twin Spark Veloce b'magna petrol ta' kapacita ta' 1747cc, bil-prezz ta' hamest elef, tmien mija, hamsa u erbghin centezmu (GBP5,845), u kien tela' jaraha l-Ingilterra, u sussegwentement ghamel l-arrangamenti necessarji biex l-vettura tigi bil-bahar Malta, li kienet waslet fis-6 ta' Dicembru 2007. Semma li fil-11 ta' Dicembru 2007 kien irregistra r-"registration declation form". Spjega li wara l-ispezzjoni li saret lill-vettura, gie mitlub ihallas sitt elef, seba' mija u hamsa u hamsin ewro (€6,755) taxxa ta' registrazzjoni u elf, mija, hamsa u ghoxrin, u disghin centezmu (€1,125.90) taxxa fuq il-valur mizjud, fejn hu kellu jhallas dawn l-ammonti izda ghamel dan wara li pprezenta protest gudizzjarju **Dok MC10** (fol 62-66).

**Dr. Albert Bezzina** b'affidavit (fol 71-72) xehed li hu kien xtara vettura *second hand* minn Sqallija ghall-prezz ta' erbgha u tlettin elf Ewro (€34,000). Din il-vettura kienet Porsche 911 Carrera, liema vettura kienet orginarjament fil-Germanja, u ghalhekk ir-registrazzjoni originali kienet saret hemm. Semma li l-vettura ngiebet Malta bil-catamaran b'*number plate* temporanju, u l-process ta' registrazzjoni beda fit-3 ta' Awwissu 2008 u gie konkluz fit-8 ta' Awwissu

2008, bil-hlas ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija, tlieta u ghoxrin ewro (€25,623) u erbat elef, sitt mija u tnax-il ewro u erbatax-il centezmu (€4,612.14). Spjega li dawn il-hlasijiet saru taht protest.

**Ivan X. Gatt** b'affidavit (fol 83) qal li kien xtara vettura second hand mir-Renju Unit tal-marka Porsche 986 Boxter ghall-prezz ta' erbatax-il elf u hames mitt sterlina (GBP14,500) liema vettura kien saq lejn Malta hu stess. Semma li l-vettura waslet Malta fit-18 ta' Jannar 2006, u f'Marzu 2006 irregistra r-*Registration Declaration Form*" fejn sussegwentement hu hallas sebat elef u tlett mitt Liri Maltin (Lm7, 300) taxxa ta' registrazzjoni, u elf, tlett mija u erbatax liri Maltin (Lm1,314) taxxa ghall-valur mizjud, u hallas dawn l-ammonti taht protesta kif jidher mill-ittra esebita bhala **Dok IX6** (fol 90).

**John Farrugia** b'affidavit (fol 91-92) xehed li xtara vettura second hand mir-Renju Unit b'magna *diesel* b'kapacita` ta' 1753cc, ghall-prezz ta' tlett elef u seba' mitt sterlina (GBP3,700). Semma li meta f'Novembru 2008, irregistra r-"*Registration Declaration Form*" u ssusegwentement hallas tlett elef, erba' mija u sebgha u erbghin ewro (€3,447.00) taxxa ta' registrazzjoni, u sitt mija u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centezmu (€620.46) taxxa fuq il-valur mizjud. Spjega li peress li hu akkwista din il-vettura ghan-negozju tieghu, kien talab li l-ammont ta' taxxa fuq il-vlaur mizjud jigi rifuz lilu.

**Ruben Galea** xehed b'affidavit (fol 120-121) u qal li kien xtara vettura second hand mir-Renju Unit tal-marka BMW M6 convertible, b'magna petrol ta' kapacita` ta' 4999cc ghall-prezz ta' sebgha u hamsin elf sterlina (GBP 57,000). Semma li kien saq il-vettura lejn Malta, u meta rregistra r-*Registration declaration form* kien gie mitlub ihallas f' Settembru 2008, l-ammont ta' sitta u hamsin elf, mija, erbgha u sittin Ewro u hamsin centezmu (€56,164.50) taxxa ta' registrazzjoni, u ghaxart elef, mija u disgha, wiehed u sittin centezmu (€10,109.61) taxxa ghall-valur mizjud. Qal li kien baghat ittra lill-Awtorita tat-Trasport esebita bhala **Dok RG6** (fol 129) fejn indika li din it-taxxa ma kinitx permissibli skont il-Ligijiet Ewropej.

**Charles Vella** Direttur fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud, xehed b'affidavit (fol 220-221) u qal li t-taxxa fuq il-valur mizjud tingabar mill-Awtorita` tat-Trasport, imbaghad, jintbaghat *voucher* li juri l-ammonti globali li thallsu f' VAT, u ghal din ir-raguni ma jkollhomx kemm thallas VAT b'mod individwali. Spjega li t t-taxxa tal-VAT tinhadem fuq is-seba' Skeda tal-Kap 406, provvediment 2(a) li hu traspozizzjoni tal-Artikolu 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Semma li persuna li ggib vettura minn barra, obbligata tirregistraha, u minbarra t-taxxa ta' registrazzjoni kienet tigi mitluba taxxa fuq il-valur mizjud. Spjega li kien legali li jsir dan anke ghal skopijiet ta' kompetizzjoni.

**Alex Magro** Direttur Generali, (Support Services) fi hdan l-ufficju tal-Prim Ministru, xehed b'affidavit (fol 280) fejn qal li

t-thaddim u l-gbir ta' taxxa tar-registrazzjoni tal-vetturi u tat-taxxa tal-valur mizjud kif regolata bil-Kap 368, u 406, ma jaqghux taht id-dekasteru tal-Ufficcju tal-Prim Ministru.

**Claude Cuschieri**, Direttur Generali, fl-Ufficcju tal-Finanzi, xehed b'affidavit (fol 281), qal sal-1993, it-taxxa kienet tinhadem fuq ic-cilindrata, imma meta dahal fis-sehh il-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta, it-taxxa bdiet tinhadem bhala dazju tas-sisa, liema taxxa kienet tinhadem fuq ic-cilindrata u l-valur tal-vettura u kienet tingabar mill-Awtorita` tat-Trasport. Spjega li fl-2008 dahlu fis-sehh aggustamenti fir-rati fuq tema ambjentali u b'hekk, il-kriterji tat-taxxa m abaqghux iffukati fuq ic-cilindrata, izda fuq fuq kunsiderazzjonijiet ta' emmissjonijiet bhal tip ta' fuel. Qal li fl-2012, kien iddahhal ukoll il-kuncett ta' "Euro Standard".

**Brian Farrugia**, *Senior Manager*, fi hdan L-Awtorita` ghat-Trasport, xehed b'affidavit (fol 230-233), u qal li l-kriterji dwar il-komputazzjoni ta' hlas ta' taxxa tas-sisa hija stabbilita bil-ligi fil-Kap 368. Hu elenka l-lista tal-vetturi in kwistjoni, li gie mistoqsi dwarhom, specifikament dwar il-valur u l-kriterji li ntuzaw mill-Awtorita` tat-Trasport biex gie stabbilit dan il-valur. Esebixxa wkoll dokumenti fejn jidher li thallset it-taxxa ghar-registrazzjoni, kif ukoll, it-taxxa fuq il-valur mizjud f'kull kaz.

**Brian Farrugia**, xehed ulterjorment (fol 293-297)[1] u spjega li fil-kaz odjern, gew impurtati karozzi minn barra ibbazata fuq gbir ta' taxxa tas-sisa, fl-2009 inbidlet is-sistema

[1] Seduta tal-4 ta' Novembru 2014

kompletament. Semma li l-Awtorita' tat-Trasport kienet tiehu bhal gwida ghall-valuri tal-vetturi, l-UK *glass book*, u tigi kkonsidrata wkoll l-*invoice* li juri l-persuna li jkun xtara l-vettura minn barra. Semma li r-rata mhix l-istess ghall-vetturi uzati (*second hand*) u ghall-vetturi godda, izda jekk il-vetturi jkollhom l-istess cilindrata jaqghu taht l-istess persentagg. Spjega li dak iz-zmien, kienu juzaw l-Artikolu 9 fil-Kap 368, li llum mghadux l-istess, u skont dan l-Artikolu l-Awtorita` kellha tistabbillixi l-valur ta' dik il-vettura fis-suq. Qal li l-persentagg li jinhadem hu a bazi tac-cilindrata tal-vettura. Semma li fil-kaz tal-vettura ta' Dr. Ciliberti qaghdu fuq il-valur tal-*invoice.*

In **kontro-ezami** qal li l-*glass book*, huwa ktieb li jigi *updated* l-hin kollu bbazat fuq is-suq tal-Ingilterra fuq dawn il-vetturi li jkunu second hand, u kien ilu jintuza mill-Awtorita sa mill-2004. Qal li dan il-UK *Glass book* huwa determinat mis-suq Ingliz u kien jintuza mill-Awtorita` peress li persentagg kbir tal-vetturi importati *second hand* jigu mill-Ingilterra, u s-suq Malti hu determinat mis-suq Ingliz. Qal ukoll li sal-2009, l-Awtorita` kienet qed tigbor taxxa tas-sisa u fuqha kienet qed tahdem il-VAT ta' tmintax fil-mija (18%).

**Brian Farrugia** kompla jixhed (fol 307-317)[2] u qal li peress li kienu jintuzaw il-valuri tal-UK *glass book*, kienu qeghdin inqas fil-valur minn dak stabbilit fil-*market value* tas-CD's tal-*insurance*. Semma specifikament li fir-rigward tal-vettura BMW M6, ma sabx il-valur taghha fis-CD's tal-

[2] Seduta tat-22 ta' Jannar 2015

insurance. Semma li jekk tigi impurtata vettura *second hand* minn importatur jew min persuna ghall-uzu personali, m'hemmx differenza fir-rati li tintuza hekk kif stabbilita bl-iskeda. Qal ukoll li meta tinhadem il-komputazzjoni mill-Awtorita` tat-Trasport, ma jistghux jaghtu valur li jkun anqas minn dak indikat fl-*invoice*, ghax din tohrog mil-ligi stess. Ghalhekk, jekk l-*invoice*, ikun iktar gholi mill-*glass book*, jibbazaw fuq l-*invoice*, u jekk l-*invoice* tkun inqas mill-*glass book*, tibbaza fuq il-glass book. Qal li jaqbel li l-valur ta' vettura fuq is-suq lokali, ghandha element ta' deprezzament fuq il-valur taghha u fuq il-valur tat-taxxa imposta fuqha. Mistoqsi li l-glass book ma jinkludix dawn l-elementi, qal li ma jaqbilx u spjega li dejjem intuzat l-ahhar verzjoni tal-glass book kif aggornat.

**F'kontro-ezami ulterjuri** (fol 326-329)[3] qal li ma rnexxielux isib kopja tal-*glass book* li kien jintuza, izda kienu gew prodotti is-Cd's li kienu jintuzaw mill-*insurance*, rigwardanti l-valur. Mistoqsi jekk kienx ikun hemm differenza bejn il-valuri f'dawn is-Cd's u l-valuri fil-Uk glassbook, qal li iva u l-valuri fil-UK glass book kienu irhas. Spjega d-diffikolta li tistabbilixxi valur fejn ikun hemm mudelli ta' vetturi li jkun hawn ftit hafna minnhom fis-suq lokali, u qal li jkun aktar difficli biex jigi stabbilit il-valur fis-suq lokali. Qal ukoll, li veru li kien hemm influss ta' vetturi gejjin mir-Renju Unit peress li hemm kienu jinsabu irhas milli fuq il-valur domestiku.

[3] Seduta tat-18 ta' Gunju 2015

## Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:

## Ligi Domestika

Illi fiz-zmien tal-importazzjoni in kwistjoni, (bejn 2006 - 2008) qabel ma giet riformata l-ligi, l-**artikolu 3 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta** kien jgħid li kellha tinġabar taxxa tas-sisa fuq kull vettura li tiġi importata jew imdaħħla f'Malta (dak iz-zmien ma kenitx tissejjah taxxa ta' registrazzjoni). Skont l-**artikolu 6** ta' din il-liġi kull vettura bil-mutur li tiġi importata f'Malta kellha tiġi kklassifikata mill-Awtorità taħt waħda mill-kategoriji msemmija fl-Ewwel Skeda li hemm mehmuża mal-istess Att tal-liġi. Essenzjalment il-klassifikazzjoni taħt din l-Ewwel Skeda kienet tiddependi miċ-ċilindrata u mill-kapaċità tal-vettura inkwistjoni. Aktar ma tkun għolja ċ-ċilindrata u l-kapaċità tal-vettura aktar kien ikun għoli l-persentaġġ li fuqu tinħadem it-taxxa. Tajjeb li jiġi spegat ukoll li r-rata tat-taxxa tas-sisa skont l-**artikolu 8** kienet dovuta *ad valorem* fuq il-valur ta' reġistrazzjoni tal-vettura klassifikata jew klassifikata proviżorjament taħt l-Ewwel, it-Tieni jew it-Tielet Skeda, bir-rata jew bl-ammont speċifikat skont il-kategorija rispettiva;

Illi bl-applikazzjoni tal-**artikolu 9** il-valur ta' reġistrazzjoni tal-vettura kellu jiġi determinat bl-istess mod kif jiġi stabbilit il-valur tad-Dwana skont l-**Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni (Kap 337 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Fejn sew jekk kienet ġdida u sew jekk użata wieħed kellu jqis il-prezz

tal-vettura, l-assigurazzjoni u l-ġarr (*Cost, Insurance and Freight- CIF value*);

Illi ma hemm kuntrast bejn il-partijiet li ghar-rigward tal-prezz tal-vettura l-Awtorità dak iż-żmien kienet toqgħod fuq il-***UK Glass Book*** li kien jiġi ppubblikat fuq bażi perijodika. (*Vide* wkoll ix-xhieda ta' Brian Farrugia f'dawn l-atti). Illi l-**artikolu 9(3)** kif amendat bl-**Att XXXII tal-2007** kien jgħid li fejn il-valutazzjoni ta' vettura bil-mutur użata tkun tiswa anqas mill-valur li jkun jidher fuq il-fattura (*invoice*) li tappartjeni lil dik il-vettura, il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura użata għal skop tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għandu jkun dak li jkun qed jidher fuq il-fattura li tkun tappartjeni lil dik il-vettura.

**Il-Ligi tal-Unjoni Ewropea - Art 110 TFEU**

Illi l-**artikolu 3 tal-Att Dwar l-Unjoni Ewropea j**pprovdi li:

*"(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.*

*(2) Kull disposizzjoni ta' ligi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn*

*dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi infurzata."*

L-artikolu rilevanti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huwa **l-artikolu 90.** Madanakollu dan l-Artikolu gie renumerat wara it-Trattat ta' Lisbona u llum huwa enumerat bhala **artiklu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU)**. Ghaldaqstant ghall-korrettezza r-riferenza ser tkun ghall-**artikolu 110 TFEU** li huwa l-artikolu 90 TEU. Kull riferenza ghall-artiklu 110 TFEU jfisser riferenza ghall-artikolu 90 TEU.[4]

L-**artikolu 110** tat -TFEU imsemmi jipprovdi:

*"No member state shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products.*

*Furthermore, no Member State shall impose on the products of other Member states any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products."*

Dwar din id-disposizzjoni ghandu jigi senjalat li huwa ritenut li l-artikolu 110 huwa *lex specialis*. Kif gie ritenut fil-kaz *De Danske Bilimportører*[5]*:*

---

[4] Jigi precizat ukoll li l-artikolu 90 kien hekk enumerat wara l-amendi tat-Trattat ta' Amsterdam u qabel dan it-trattat kien enumerat bhala artikolu 95 TEU. Ghalhekk jista' jkun li wiehed isib riferenzi fil-kazistika ccitata f'din is-sentenza ghall-artikolu 95 TEU.

[5] *De Danske Bilimportører* (C-383/01, EU:C:2003:352, *paragraph* 36) u *Brzeziński* (C-313/05, EU:C:2007:33, *paragraph* 27

"*In the present case, since a charge on the registration of new motor vehicles, such as the Danish registration duty at issue in the main proceedings, is manifestly of a fiscal nature and is charged not by reason of the vehicle crossing the frontier of the Member State which introduced the charge, but upon first registration of the vehicle in the territory of that State, the charge must be regarded as part of a general system of internal dues on goods and thus examined in the light of Article 90 EC."*

Illi hu pacifiku li "*Contrary to what is provided for in Article 34 TFEU, the prohibition under Article 110 TFEU is not of internal taxation as such but of its discriminatory or protective effect, so that it is sufficient to eliminate that discriminatory or protective element in order to comply with Article 110 TFEU.* [6]"

Dwar l-iskop u l-intendiment ta' dan l-Artikolu tat-Trattat, hemm diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea li evalwaw it-tifsira ta' dan l-Artikolu.

Kif gie enuncjat mill-CJEU fil-kaz ta' **Tatu** [2011] ECR I-2711 *"The fact remains that the aim of Article 110 TFEU is to ensure free movement of goods between the Member States in normal conditions of competition. It is intended to eliminate all forms of protection which may result from the*

[6] *Vide* l-opinjoni tal-*Advocate General* Jacobs *in De Danske Bilimportører* (C-383/01, EU:C:2003:116, point 28).

*application of internal taxation that discriminates against products from other Member States (see, inter alia, Case C-47/88 Commission v Denmark [1990] ECR I-4509, paragraph 9; Brzeziński, paragraph 27; and Case C-2/09 Kalinchev [2010] ECR I-0000, paragraph 37)."* Inoltre " *However, even if the conditions for direct discrimination are not met, internal taxation may be indirectly discriminatory as a result of its effects (Nádasdi and Németh, paragraph 47)."*

Minn analizi tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea wiehed jista' jikkonkludi li giet zviluppata dottrina li tissupplimenta l-principju ta' *fiscal non-discrimination* fir-rigward ta' vetturi *second hand* impurtati minn stati Membri u li hija permissibbli skont il-parametri tal-artikolu 100 TFEU fis-sens li " *its amount does not exceed the residual amount of a similar tax incorporated into the value of second-hand vehicles already present on the national market.* [7]

Fil-kaz **Commission v Denmark (**C-47/88) tal-11 ta' Dicembru 1990 gie ribadit mill-Kummissjoni li:

*"It should also be noted that, as the Court has consistently held (see most recently the judgment in Case 252/86* ***Bergandi v Directeur general des impôts*** *[1988] ECR 1343) that the aim of Article 95 (*illum 110 TFEU) *as a whole is to ensure free movement of goods between the Member States in normal conditions of competition by the*

[7] Ara b'mod partikolari s-sentenzi fil-kaz ***Commission* v *Denmark*** (C-47/88, EU:C:1990:449, para.h 20); ***Brzeziński*** (C-313/05, EU:C:2007:33, para. 2 tal-parti dispozittiva) u ***Tatu*** **(**C-402/09, EU:C:2011:219, parag. 39).

*elimination of all forms of protection which may result from the application of internal taxation that discriminates against products from other Member States. Thus Article 95 must guarantee the complete neutrality of internal taxation as regards competition between domestic products and imported products."*

Il-Qorti Ewropea, fid-decizjoni taghha enuncjat is-segwenti principji li huma ta' rilevanza ghall-kaz odjern:

*"It must be observed at the outset that, as the Commission has correctly observed, the fact that there is no Danish production of motor vehicles does not signify that Denmark has no used-vehicle market. A product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market. Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products. Article 95 therefore applies to the registration duty charged on the importation of used cars.*

*It must then be borne in mind that, as the Court held in its judgment in Case 74/76* ***Iannelli v Meroni*** *[1977] ECR 557, in order to apply Article 95 of the Treaty, not only the rate of direct and indirect internal taxation on domestic and imported products but also the basis of assessment and the detailed rules for levying the tax must be taken into consideration."*[8]

[8] Paras 17 u 18 tas-sentenza.

Fil-kaz ***Maciej Brzeziński v Dyrektor Izby Celnej w Warszawie.*** (C-313/05 tat-18 ta' Jannar 2007 (Case 313/05) (2007)[9] gie ribadit:

*" As far as the taxation of imported second-hand vehicles is concerned, the Court has also held that Article 90 EC seeks to ensure the complete neutrality of internal taxation as regards competition between products already on the domestic market and imported products (see* ***Case C-387/01 Weigel*** *[2004] ECR I-4981, paragraph 66, and the case-law cited).*

*"The first paragraph of Article 90 EC is to be interpreted as meaning that it precludes an excise duty, in so far as the amount of the duty imposed on second-hand vehicles over two years old acquired in a member State other than that which introduced such a duty exceeds the residual amount of the same duty incorporated into the market value of similar vehicles already registered in the Member State which introduced that duty."*

Ukoll " *It is settled law that a system of taxation may be considered compatible with Article 90 EC only if it is so arranged as to exclude any possibility of imported products being taxed more heavily than similar domestic products, so that it cannot in any event have discriminatory effect (****Haahr Petroleum****, paragraph 34, and* ***Case C-375/95 Commission v Greece*** *[1996] ECR I-5981, paragraph 29)."*

[9] Din kienet decizjoni moghtija fuq riferenza fuq *preliminary ruling*.

Fil-kaz **Gabriel Bergandi vs Directeur General des Impots** (Case 252/86) 1988 ECR 1343, gie ritenut hekk:

"*Article 95*[10] *expressly prohibits the imposition of the products of other Member States of any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products or any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products."*

*"Its aim is to ensure free movement of goods between the Member States in normal conditions of competition by the elimination of all forms of protection which may result from the application of internal taxation that discriminates against products from other Member States. Thus, Article 95 must guarantee the complete neutrality of internal taxation as regards competition between domestic products and imported products."*

*"As the court has held ……..in case 433/85 (**Feldain v Directeur des services fiscaux** (1987) ECR 3521), as Community law stands at present, the Member States are in principle at liberty to subject products to a system of taxation which increases progressively in amount according to an objective criterion, provided that the system is free from any discriminatory or protective effect".*

[10] L-artikolu 95, sussegwentement sar l-Artikolu 90 tat-Trattat, u llum jinsab bhala Artikolu 110.

F'dan il-kuntest, huwa relevanti wkoll, il-kaz "**De Danske Bilimportorer v Skatteministeriet Told - og Skattestyrelsen**", (Case 383/01) 2003, fejn inghad hekk, b'referenza ghall-kaz Commission v Denmark:

*"The Court admittedly noted that as it held in case 31/67 Stier (1968) ECR 235, it is not permissible for the Member States to impose on products which, in the absence of comparable domestic production, escape the application of the prohibitions contained in Article 95 of the Treaty charges of such an amount that the free movement goods within the common market would be impeded as far as those goods were concerned. It added, however, in paragraph 13 of Commission v Denmark, that the only possibility of appraising an adverse effect **of that kind** on the free movement of goods is by reference to Article 30 of the EEC Treaty (which became Article 30 of the EC Treaty and is now, after amendment, Article 28 EC et seq. The Commission's action in that case was not however based on those articles".*

Fil-kaz numru 383/01 citat hawn fuq, li kien jitratta sistema ta' tassazzjoni interna fir-rigward ta' vetturi godda impurtati, gie deciz li din trid tigi evalwata a bazi ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat, u mhux a bazi tal-Artikolu 28.

Relevanti hafna ghall-kaz odjern huwa wkoll il-kaz **Ministero Publico Antonio Gomez Valente v Fazenda Publika** (Case 393/98) (2001) fejn il-Qorti Ewropea rriteniet:

*"The direct effect of the first paragraph of Article 95 of the Treaty, recognized in the judgment in case 57/65* ***Lutticke v Hauptzollamt Saarlouis*** *(1966) ECR 205, at p.211, implies that an individual must be able to challenge the compatibility with that provision of national legislation establishing statutory criteria or scales which have been applied in order to calculate the tax levied on his imported second-hand vehicle."*

L-argument tal-Gvern Portugiz f'dan il-kaz, kien li t-tassazzjoni imposta fuq vetturi importati *second–hand*, kienet biex ikun hemm trattament ugwali fil-valur kummercjali ta' vetturi *second hand* domestici, u vetturi *second-hand* importati. Izda, l-Qorti Ewropea, rrespingiet dan l-argument u inghad:

*"That argument cannot be accepted. A national tax system which is liable to eliminate a competitive advantage held by imported products over domestic products would be manifestly incompatible with Article 95 of the Treaty which seeks to guarantee that internal charges have no effect on competition between domestic and imported products (Nunes Tadeu. Par. 18)."*

Referibbilment ghat-tassazzjoni ta' vetturi second hand*,* il-Qorti Ewropea f'sentenza **Commission v Hellenic Republic (**Case 375/95) (1997) ECR I-5981, qalet specifikatament hekk:

"..The taxable value imputed to the imported *second hand* vehicle by the revenue authorities (…….) faithfully reflects the value of a similar *second hand* vehicle already registered on the domestic market".

**Illi il-principji li johorgu mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea huma:**

1. It-tassazzjoni ta' prodotti importati ghandha tkun konformi ma' l**-Artikolu 110** tat-Trattat, liema artikolu jipprekludi "*overtaxation"* fuq prodotti importati minn Stati Membri, meta komparat ma' tassazzjoni imposta fuq prodotti simili li jinsabu fis-suq domestiku.

2. L-**Artikolu 110** tat-Trattat jista' jigi invokat meta hemm prodotti domestici simili fis-suq u ghal dan il-ghan "a *product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market. Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products"* ***(Commission v Denmark ante).***

3. L-**Artikolu 110** tat-Trattat ghandu jiggarantixxi newtralita` shiha fis-sistema ta' tassazzjoni bejn il-prodotti domestici u dawk importati minn Stati Membri.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-vertenza odjerna, u cjoe`, l-importazzjoni ta' vettturi *second hand* minn Stati Membri, it-taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura li ghandha tant snin, m'ghandhiex teccedi l-ammont ta' taxxa li jkun inkluz fil-

valur ta’ vettura simili li tinsab fis-suq lokali li tkun ilha registrata lokalment ghall-istess zmien.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kriterji ghall-valatuzzjoni mehtiega fl-applikazzjoni tal-artikolu 110 TFEU fil-kaz ta' **Tatu** fuq citat gie stabbilit li:

*"40 The Court has stated that, when a tax on registration is paid in a Member State, the amount of that tax is incorporated in the value of the vehicle. Thus, if a vehicle registered in the Member State in question is subsequently sold as a second-hand vehicle in that Member State, its market value, including the residual registration tax, will be equal to a percentage of its original value, determined by depreciation (Nádasdi and Németh, paragraph 54). Therefore, to ensure the neutrality of the tax, the value of the imported second-hand vehicle taken as the basis of taxation must reflect the value of a similar vehicle already registered on national territory (Weigel, paragraph 71, and Case C-74/06 Commission v Greece [2007] ECR I-7585, paragraph 28).*

*41 To obtain that result, the actual depreciation of imported second-hand vehicles must be taken into account in calculating the amount of tax. That taking into account need not necessarily involve an assessment or inspection of every vehicle. A Member State may, avoiding the inherent burden of such a system, establish, by means of fixed scales determined by statute, regulation or administrative provision and calculated on the basis of criteria such as a vehicle’s age, kilometrage, general*

*condition, propulsion method, make or model, a value for second-hand vehicles which, as a general rule, would be very close to their actual value (**Gomes Valente**, paragraph 24; **Weigel,** paragraph 73; **and Commission v Greece,** paragraph 29).*

*42 Those objective criteria for assessing the depreciation of motor vehicles have not been listed by the Court as being obligatory (**Commission v Greece**, paragraph 37). They need not thus necessarily be applied cumulatively. However, the application of a scale based on a single criterion of depreciation, such as the age of the motor vehicle, does not guarantee that the scale reflects the actual depreciation of those vehicles (see, to that effect, **Gomes Valente**, paragraphs 28 and 29, and **Commission v Greece**, paragraphs 38 to 42). In particular, where kilometrage is not taken into account, the scale adopted by the legislation at issue does not, as a general rule, lead to a reasonable approximation of the actual value of imported second-hand vehicles (Commission v Greece, paragraph 43)."*

F'decizjoni recenti moghtija mill-CJEU fuq referenza preliminari **X** (C-437/12, EU:C:2013:857) tad-19 ta' Dicembru 2013, il-kriterji huma aktar wiesgha u cioe`:

*"The degree of competition between two models depends on the extent to which they meet the same requirements of price, size, comfort, performance, fuel consumption, durability, reliability and so forth. The reference vehicle must be the one whose characteristics are closest to those*

*of the imported vehicle, which implies that account must be taken of the model, type and other characteristics such as drive and equipment, age and mileage, general condition and brand (see, inter alia, Case C-101/00 Tulliasiamies and Siilin [2002] ECR I-7487, paragraphs 75 and 76, and Case C-74/06 Commission v Greece [2007] ECR I-7585, paragraphs 29 and 37)."*

Madanakollu l-kaz ta' **X** kien jikkoncerna cirkostanzi partikolari ta' taxxa imposta fl-Olanda fejn il-vjolazzjoni kienet attribwibbli ghall-awment fit-taxxa imposta. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li dawn il-lenti wiesgha jigu applikati ghall-kaz in ezami sabiex il-Qorti tikkonduci l-ezami taghha taht l-artikolu 110 TFEU.

Saret riferenza ukoll ghall-kaz ta' Malta[11] fejn il-Kummissjoni Ewropea stqarret li "*Is-sistema tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi f'Malta hija diskriminatorja rigward il-vetturi li jiġu minn Stati Membri oħra. F'Malta, ir-rata tat-taxxa, li tiddependi mill-kapaċità tal-magna tal-vettura, hija l-istess għal karozzi ġodda u karozzi użati. Din ir-rata tiġi applikata fuq il-valur tal-vettura, li jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet Maltin. Madankollu, b'differenza mill-vetturi ġodda, hemm ammont minimu ta' taxxa stabbilit biss għall-karozzi użati. Anki jekk l-impożizzjoni tar-rata tat-taxxa korrispondenti għall-valur taxxabbli ddeterminat mill-awtoritajiet tirriżulta f'ammont iżgħar mill-minimu stabbilit, huwa dan li jipprevali. L-applikazzjoni tat-taxxa minima ma tistax tiggarantixxi li t-taxxa imposta fuq il-vetturi sekondman ġejjin minn Stati Membri oħrajn ma taqbiżx it-*

[11] Stqarrija mahruga fil-21 ta' Marzu 2007 - IP/07/372

*taxxa residwali inkluża fil-valur ta' vetturi simili diġà rreġistrati f'Malta, kif inhu mitlub mill-QEĠ."*

Illi fil-gurisprudenza nostrana, dan is-suggett diga gie trattat f'zewg kazijiet, li wiehed minnhom ghadda in gudikat, "**William Grech et vs Awtorita' tat-Trasport ta' Malta**", P.A. (418/2008) (AE) deciz fit-18 ta' Settembru 2012, u l-kaz "**Stephen Grech vs L-Onor.evoli Prim Ministru et**", P.A. ("296/2009) (JZM) deciz fil-30 ta' Settembru 2013.

Illi fil-kaz **Grech vs Awtorita` tat-Trasport ta' Malta**, gie ritenut, li t-taxxa ta' registrazzjoni imposta fuq il-vettura second hand kienet eccessiva u l-ligi Maltija kienet fil-fatt qed tiddiskrimina fir-rigward ta' vetturi *second hand* li jigu impurtati minn barra minn Malta, meta komparat ma' dawk li diga` jinsabu fis-suq domestiku, li jmur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat:

*"Hu altru milli evidenti li l-ligi kif kienet f'Malta kienet qeghda twassal biex ikun hemm kazijiet fejn vetturi 'second hand ' importati minn Stati Membri ohra kienu qeghdin jigu ntaxxati hafna iktar minn dak li l-Qorti Ewropea tirreferi ghalih bhala "residual tax" fuq vetturi li jkunu diga' jinsabu fis-suq lokali u tkun thallsitilhom it-taxxa tar-registrazzjoni. Il-Gvern Malti stess ha l-passi biex jintroduci sistema gdida.*[12] *Sahansitra bl-Att VI tal-2009 nghatat l-opportunita lil dawk li rregistraw vettura mal-Awtorita` fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Dicembru 2008 biex jaghmlu talba mal-Awtorita "......biex tingħata kreditu, meta ġġib*

---

[12] Dan wara li l-Kummissjoni kienet bdiet *infringement procedure* kontra Malta fir-rigward tal-taxxa ta' registrazzjoni (riferenza numru 2005/4534).

*prova li tħallset taxxa ta' reġistrazzjoni żejda fuq l-imsemmija vettura meta paragunata ma' dak li kellu jitħallas fuq l-istess vettura bil-mutur li kieku ddaħħlet jew ġiet manifatturata f'Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2009." (Artikolu 24[3]). Ligi li sfortunatament jidher li ma pprovdietx ghal min bhal attur kien gab vetturi qabel l-2008.*"

Ghalhekk, gie ribadit li l-**Artikolu 3 tal-Kap 368**, kif kien fiz-zmien li l-vettura waslet Malta kien imur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-UE u kien ixekkel il-principju tal-moviment hieles ta' oggetti bejn pajjizi tal-UE, b'mod li jaghti vantagg lil vetturi *second hand* tal-istess ghamla li jinsabu fis-suq domestiku.

Il-Qorti fil-kaz ta' **William Grech** kellha tikkonsidra l-imposizzjoni ta' ammont ta' €9,783 bhala minimu ta' taxxa ta' registrazzjoni u sabet li din it-taxxa kienet inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat u ordnat lill-Awtorita tat-Trasport f'Malta sabiex thallas. lura t-taxxa ta' registrazzjoni zejda mhallsa mill-atturi.[13] Fl-istess kaz, gie deciz li dak il-hlas imur kontra l-Artikoli 4 u 5 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406). Ghaldaqstant, f'dak il-

[13] Il-Prim'Awla ccitat mis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fejn osservat: *"According to well-established case-law, the right to a refund of charges levied in a Member State in breach of rules of Community law is the consequence and complement of the rights conferred on individuals by Community provisions as interpreted by the Court.....The Member State is therefore required in principle to repay charges levied in breach of Community Law (Joined Cases C-192/95 to C-218/95 Comateb and Others [1997] ECR I-165, paragraph 20, Dilexport, cited above, paragraph 23, and Michailidis, cited above, paragraph 30)."* **(Metallgesellschaft Ltd and Others et vs Commissioners of Inland Revenue et** *(Joined Cases C-397/98 and C-410/98),* deciza fit-8 ta' Marzu 2001."

kaz, il-Qorti rriteniet li l-Awtorita` ghandha thallas lura t-taxxa ta' registrazzjoni zejda mhallsa mill-atturi.

Fil-kaz **Stephen Grech vs Onor.evoli Prim Ministru et**, kaz li kien jinvolvi fatti simili fejn giet impurtata vettura mir-Renju Unit, gew ikkonfermati l-istess principji ribaditi fis-sentenza **Grech vs Awtorita` tat-Trasport**. Izda rriteniet li l-kwistjoni kollha hi jekk l-Artikolu 3 tal-Kap 368, li dak iz-zmien kien jitkellem dwar sisa, kienx qed jiddiskrimina meta jimponi taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi *second hand* li jigu importati minn Stat Membru. F'dan il-kaz, inghad hekk:

*"Bil-principju tal-'free movement of goods' bejn il-pajjizi membri tal-UE bhala sfond, mhux rilevanti jekk il-prodott in kwistjoni huwiex manifatturat fis-suq lokali inkella le. Rilevanti hija l-kwistjoni jekk prodott li jinbiegh lokalment (fil-kaz tal-lum vettura second hand anke jekk mhux manifatturata Malta) ghandux 'in real terms' jigi jiswa ferm inqas milli kieku prodott jigi akkwistat minn pajjiz membru tal-UE. U jekk jigri hekk, huwiex dak kaz ta' diskriminazzjoni ghaliex jiffavorixxi l-akkwist ta' prodotti mis-suq lokali a skapitu ta' ohrajn simili li jigu minn barra. Din il-Qorti – kif inghad fis-sentenza ta'* ***Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f' Malta,*** *tghid li hemm diskriminazzjoni".*

**Sottomissjonijiet bil-Miktub:**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, gie sottolineat mill-intimati, li fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur mizjud, il-pozizzjoni fil-prezent inbidlet, u hu kkonfermat li kull min irregistra vettura uzata f'Malta bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Dicembru 2008, ghandu jigi rifuz lura l-ammont ta' VAT li hallas. Ghalhekk gie sostnut, li *stante* li l-vetturi mertu tal-kaz in ezami, gew registrati f' Malta f'dan il-perjodu, l-intimati kkoncedew li dan l-ammont ta' VAT ghandu jintradd lura.

*"Għalhekk safejn ir-rikorrenti f'din il-kawża qegħdin jitolbu biex jieħdu lura l-VAT li ħallsu fuq il-vetturi użati, l-intimati m'għadx għandhom oppożżizjoni kontra tali rifużjoni minħabba li din qed tiġi rifuża lil kull min ħallasha. Din il-linja ta' pożizzjoni tikkorrispondi u hija koerenti mal-mod ta' kif l-intimati mxew fil-każijiet* ***William sive Willie Grech et vs. Awtorita ghat-Trasport f'Malta*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Settembru 2012 u* ***Stephen Grech vs. L-Onor.evoli Prim' Ministru et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Settembru 2013, li t-tnejn li huma ma ġewx appellati mill-intimati safejn dawn kienu jikkonċernaw ir-rifużjoni tal-VAT li tħallset mar-reġistrazzjoni ta' vetturi użati."*[14]

Izda gie sostnut, li t-taxxa ta' registrazzjoni a bazi tal-Kap 368 imposta fuq il-vetturi f'dan il-kaz hi konformi mal-ligi. Gie rilevat li l-klassifikazzjoni tat-taxxa kienet tiddependi

[14] Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata f'para.22.

mic-cilindrata u mill-kapacita` tal-vettura, u ghalhekk, il-persentagg li fuqha tinhadem taxxa tkun gholja f'certa mudelli ta' vetturi, u dwar il-valur l-Awtorita` tat-Trasport kienet tibbaza dan fuq il-UK Glass book, izda gie specifikat li dan intuza biss fir-rigward tar-rikorrenti Ruben Galea u John Farrugia, *stante* li fil-kaz tar-rikorrenti l-ohra l-valur tal-vettura nhadem fuq dak iddikjarat minnhom stess fl-*invoice*. Illi gie sottolineat li l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti, biex tezamina kienx hemm ksur tal-Artikolu 90 tat-Trattat tal-UE, hu li tistharreg jekk il-formola u r-rata ta' taxxa ta' sisa fuq vettura uzata u fuq vettura gdida kinux l-istess jew differenti, u proprju f'dan is-sens gie argumentat mill-avukat difensur tal-intimati, li l-interpretazzjoni li trid tinghata lin-normi u gurisprudenza Ewropea, hi li t-taxxa ta' registrazzjoni jew ta' sisa fuq vettura uzata m'ghandhiex tkun aktar gholja mit-taxxa li kieku hu gab l-istess vettura bhala gdida.

Da parti taghhom, ir-rikorrenti fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, ma qablux ma' dan l-argument. Huma ccitaw gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fejn b'referenza partikolari ghal **Commission v Denmark**, sostnew li jigi dedott illi fil-mument li vettura tigi registrata fi Stat membru, dik il-vettura titqies li saret prodott domestiku ta' dak l-Istat Membru. Gie kkwotat Brian Farrugia, li xehed b'mod estensiv fil-kaz odjern, u li kkonferma li t-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni kienet tinhadem fuq il-"UK glass book" u fuq l-*invoice* pprezentata mill- importatur u l-valur deprezzat tat-taxxa ta' registrazzjoni liema prezz kien jinkorpora l-valur deprezzat tal-vettura fil-pajjiz li kienet registrata,

minghajr ma adoperat l-ebda sistema li kienet tiehu konsiderazzjoni ta' vettura simili fis-suq lokali. *In vista* tas-suespost, ir-rikorrenti ssottolinejaw li biex jigi stabbilit il-valur tal-vettura simili fis-suq lokali, l-unika gwida hu u l-*Vehicle Valuation Guide* uzat mill-kumpanija tal-assikurazzjoni.

Hawnhekk, din il-Qorti, taqbel ma' l-insenjament li nghata fis-sentenza **Stephen Grech vs Onor.evoli Prim' Ministru et**, fejn gie spjegat li l-proporzjon ta' tassazzjoni fuq vettura importata minn Stat Membru bhala second hand trid tkun ekwivalenti ghal vettura simili fis-suq lokali:

*"Ix-xebh irid isir fuq bazi ta' 'like' with 'like'. Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhijiex ta' vettura li dahlet Malta gdida, inbieghet gdida Malta u wara nbieghet second hand Malta; il-kaz huwa ta' vettura second hand anke jekk Ferrari – li nxtrat barra minn pajjiz membru tal-UE u giet biex tigi registrata Malta. Il-valur ta' din tal-ahhar ma jistax ikun tali li ma jaghmilx proporzjoni ma' kemm kien il-valur taghha bit-taxxi b'kollox qabel rifset Malta. Ghalhekk, id-diskriminazzjoni u l-ksur tal-Art. 90 (illum Art. 110 tat-Trattat ta' Lisbona) ghaliex bl-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa u l-VAT fuq il-prodott li gie mill-UE kien qieghed jiehu vantagg prodott tal-istess generu fis-suq lokali."*

Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hi tal-fehma li bl-interpretazzjoni tal-gurisprudenza Ewropea, u l-principji li johorgu mis-sentenzi kollha citati hu li s-sistema ta' tassazzjoni ma' tistax tohloq diskriminazzjoni ma' prodott

simili lokali, u ghalhekk tikkonstata li x-xebh li jrid isir hu mal-valur moghti lil vetura tal-marka simili second hand fis-suq lokali.

Ir-rikorrenti ssottomettew ukoll, fin-noti taghhom, li d-deprezzament li ttiehed mill-Awtorita` tat-Trasport, meta nhadmet it-tassazzjoni ma kienx dak idoneu, *stante* li mill-*Vehicle Valuation Guides* ghas-snin 2006, 2007 u 2008, jirrizulta li l-medja ta' deprezzament ta' vetturi simili fis-suq lokali hija minn ghaxra fil-mija (10%) sa tnax fil-mija (12%). Difatti, r-rikorrenti Bezzina u Gatt, annettew man-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-ahhar verzjoni tal-*Vehicle Valuation Guide* tas-sena 2015, fejn jirrizulta li d-deprezzamanet tal-vetturi tal-marka Porsche hu bejn 11% u 12%.

Dan il-fattur huwa rifless ukoll fis-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja. B'hekk fil-kaz, **Ministerio Publico v Antonio Gomez Valente** (Case 393/98 - diga sucitat), gie stipulat:

*"The first paragraph of Article 95 of the Treaty does not permit a Member State to apply to second-hand vehicles imported from other Member States a system of taxation in which the depreciation in the actual value of those vehicles is calculated in a general and abstract manner, on the basis of fixed criteria or scales determined by a legislative provision, a regulation or an administrative provision, unless those criteria or scales are capable of guaranteeing that the amount of the tax due does not*

*exceed, even in a few cases, the amount of the residual tax incorporated in the value of similar vehicles already registered in the national territory."*

Fis-sentenza **Commission v Hellenic Republic** (Case 375/95, diga sucitat), inghad:

*"Since the annual depreciation in the value of cars is in general considerably more than 5%, that the depreciation is not linear, especially in the first years when it is much more marked than subsequently and since, finally, vehicles continue to depreciate more than four years after being put into circulation, the taxable value resulting from those detailed rules for calculating taxation does not correspond to the value resulting from the actual wear and tear undergone by used cars, as a result of which the special consumer tax and flat-rate added special duty imposed on imported used cars are usually higher than the proportion of those taxes still incorporated in the value of used cars already registered and purchased on the domestic market."*

*Di piu`,* r-rikorrenti Bezzina u Gatt ma qablux mar-rikorrenti l-ohra fit-talba taghhom ghar-rifuzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni, billi rrilevaw li hemm distinzjoni bejn ir-*Registration Value* ta' vettura u d-*Depreciated Value* ta' vettura (jew valur residwu), (kif jidher fil-*Vehicle Valuation Guides* lokali) peress li din ta' l-ahhar tinkludi wkoll it-taxxa ta' registrazzjoni residwa inkorporata fil-valur residwu. Ghalhekk, huma taw komputazzjoni differenti mir-rikorrenti l-ohra.

Referibbilment ghall-komputazzjoni ta' kemm ghandu jinghata lura lir-rikorrenti bhala taxxa tas-sisa, l-intimati jaqblu li r-rikorrenti ghandhom jithallsu lura d-differenza li huma hallsu bejn il-*proper rate* u l-*minimum rate*, u ghalhekk, gie sottomess li dan jinklina aktar u hu konformi aktar ma' dak deciz fis-sentenza **William Grech vs Awtorita` tat-Traspor**t milli lejn is-sentenza sureferita wkoll ta' Stephen Grech.

**Fattispecje tal-kaz in ezami:**

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Jinghad fl-ewwel lok, li l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati *ai termini* tal-artikolu 156(1) tal-Kap 12, tinsab sorvolata permezz ta' sentenza *in parte*, deciza fit-28 ta' Settembru 2010, minn din il-Qorti diversament presjeduta.

**It-Tieni Eccezzjoni**

Fit-tieni lok, it-tieni eccezzjoni preliminari tal-legittimu kontradittur, giet sorvolata wkoll *stante* li r-rikorrenti kollha cedew il-kawza fil-konfront tal-Onor.evoli Prim Ministru filwaqt li zammew ferm, il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-intimati l-ohra. Ir-rikorrenti, Ciliberti, Farrugia u Galea permezz tan-nota pprezentata a fol 360 *et sequitur*, cedew il-kaz fil-konfront tal-Prim Ministru u zammew ferm il-pretensjonijiet taghhom fir-rigward tal-intimati l-ohra (fol

363). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Bezzina u Gatt, gie rilevat li dawn ir-rikorrenti wkoll qed icedu l-kawza fil-konfront tal-Onor.evoli Prim Ministru filwaqt li zammew ferm l-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-intimati l-ohra. (fol 389).

**Cessjoni**

Jirrizulta wkoll, li zewg rikorrenti Ramon Azzopardi u Kevin Sultana, fil-mori tal-kawza, ipprezentaw nota ta' cessjoni, liema noti jinsabu esebiti a fol 321 u 322 tal-process.

**Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

Jirrizulta li l-vetturi importati mir-rikorrenti gew importati mis-sena 2006 sas-sena 2008, f'okkazzjonijiet u cirkostanzi diversi. Ir-rikorrenti pprocedew b'dan il-kaz ghar-rifuzjoni tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni li thallset mar-registrazzjoni f'Malta, li kien jinkludi wkoll it-taxxa ghall-valur mizjud. Illi fil-kazijiet **William Grech vs Awtorita` tat-Trasport**, u **Stephen Grech vs Onor. Prim Ministru et**, kien diga gie deciz li t-taxxa ta' VAT imposta ma kinitx konformi mal-artikoli tal-ligi tal-Kap 406 peress li dawn jitkellmu dwar "importazzjoni" fis-sens u t-tifsira moghtija fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Illi d-direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112KE, tipprovdi b'mod specifiku ghal "*second hand goods not subject to VAT*". Fl-Artikolu 4(b), jinghad:

*"4 In addition to the transactions referred to in Article 3, the following transactions shall not be subject to VAT:*

*- omissis-*

*(b)The intra-community acquisition of second-hand means of transport, as defined in Article 327(3), where the vendor is a taxable dealer acting as such and VAT has been applied to the means of transport in the member State in which their dispatch or transport began, in accordance with the transitional arrangements for second-hand means of transport."*

Referibbilment ghat-taxxa fuq il-valur mizjud, din il-kwistjoni hija sorvolata, u mhix in kontestazzjoni. Difatti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, gie enuncjat li *stante* decizjoni tal-politika prezenti, gie deciz li din it-taxxa tigi rifuza lil kull min hallas taxxa ghall-valur mizjud fuq vetturi importati *second-hand* bejn l-1 ta' Mejju 2004, u l-31 ta' Dicembru 2008. Il-vetturi mertu tal-vertenza odjerna, gew impurtati u registrati f'Malta f'dan it-terminu ta' zmien u ghalhekk, l-kif gja fuq premess l-intimati qeghdin jikkoncedu li l-ammont ta' VAT li thallset mir-rikorrenti ghandha tintradd lura. Il-kontestazzjoni principali fil-kaz in dizamina hu dwar ir-rifuzjoni ta' taxxa fuq l-ewwel registrazzjoni.

**Taxxa fuq L-ewwel registrazzjoni**

Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti, f'kaz bhal dan li tanalizza jekk hemmx vjolazzjoni tal-artikolu 110 tat-TFEU. Jigi

osservat, li rrizulta mix-xhieda u mill-atti tal-kaz, li meta thallset it-taxxa tal-ewwel registrazzjoni, bis-sistema ta' tassazzjoni kif kienet mahduma taht l-artikolu 3 tal-Kap 368[15] dak iz-zmien, is-sistema adoperata ma haditx in konsiderazzjoni il-valur ta' vettura simili fis-suq lokali imma il-valur skont il-UK *Glass Book*. Dan hareg car mix-xhieda ta' Brian Farrugia.

Domanda: "*Karozza gdida kienet tigi intaxxata bl-istess mod?"*

Xhud: *"l-istess kollox kien japplika."……………………...*

Xhud: "*Ehe, kif spjegajt l-ahhar darba….peress li 90% mill-importazzjoni u izjed minn 90% mill-importazzjoni tal-vetturi li jigu hawn Malta huwa kollu mis-suq Ingliz. B'hekk l-Awtorita` kienet tibbaza l-kalkolazzjoni taghha fuq il-glass book."*

Xhud: "*Ma tistax tmur inqas mill-valur tal-invoice, din kienet tohrog mil-ligi stess".* [16]

Ix-xhud Brian Farrugia, fil-fatt, ikkonferma li jekk l-*invoice* ikun aktar gholi mill-*glass book*, imur fuq il-*glass book*, u *vice versa*.[17]

[15] Ara l-ewwel skeda tal-Kap 368 dak iz-zmien, qabel l-emendi introdotti fl-1 ta' Jannar 2009. Illum l-istima tal-valur tal-vettura ssir billi "*depreciating the manufacturer's invoice value and also, where applicable the insurance and freight of such motor vehicle imported or brought into Malta as new or manufactured in Malta to the current Maltese market value."*
[16] Xhieda ta' Brian Farrugia Fol 313- 316 (seduta tat-22 ta' Jannar 2015).
[17] Xhieda ta' Brian Farrugia Fol 317 (seduta tat-22 ta' Jananr 2015).

**_Minimum Tax_ - Kaz ta' William Grech**

L-ammont ta’ taxxa minima imposta fuq vetturi *second hand* importati minn pajjizi tal-Unjoni Ewropea kienet qed tikser il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea, in kwantu mhux kompatibbli mal-artikolu 110 tat-Trattat, proprju minhabba l-fatt li s-sistema ta’ tassazzjoni ma kinitx qed tiehu in konsiderazzjoni certu kriterji, cioe, il-valur ta' vettura *second hand* simili tal-istess mudell u bl-istess numru ta’ snin, fis-suq lokali.

**UK _Glass Book / Vehicle Valuation Guide_**

Jigi precizat li fil-kaz odjern, il-valur taxxabbli li ttiehed mill-UK *Glass Book* kien dak tal-vetturi ta' John Farrugia u Ruben Galea. Fil-kaz tat-tliet rikorrenti l-ohra, ittiehed l-*invoice value*.

Dwar il-*Glass Book* dan ikun aggornat regolarment u kien jirrifletti l-valur tal-vetturi fir-Renju Unit. **Brian Farrugia** ikkonferma li l-valur tal-vetturi fir-Renju Unit kien inqas mill-valur tal-vetturi stabbilit lokalment. Din id-differenza fil-valur tal-vetturi tispjega l-influss ta’ vetturi *second hand* mir-Renju Unit, li kien hawn lokalment, hekk kif ikkonferma l-istess xhud.

Fir-rigward tar-rikorrenti l-ohra, ittiehed il-valur li kien imnizzel fil-fattura prodotta minnhom stess u dan bl-applikazzjoni tal-**artikolu 9(3) tal-Kap 368**. Izda, dan ifisser, li dan il-valur ikun jinkludi mhux biss il-valur nett tal-

vettura nnifisha izda jinkludi wkoll l-ispejjez tal-garr tal-vettura lejn Malta, it-taxxa li diga thallset fil-pajjiz l-iehor meta l-vettura kienet ghadha gdida, u kif ukoll il-profitt tal-venditur ta' din il-vettura *second-hand*. Ghaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ammont muri fuq il-fattura (*invoice*) ma jistax jirrifletti l-valur adegwat li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, ghax ma jirriflettix il-valur tal-vettura nnifisha, bit-taxxi b'kollox qabel dahlet f'Malta.

L-argument tal-intimati fir-raba' eccezzjoni, huwa li l-Artikolu 90 tat-Trattat ma japplikax fil-kaz in ezami peress li f'Malta m'ghandniex manifattura domestika ta' vetturi. Ghalhekk, *stante*, li l-vetturi kollha li hawn fis-suq lokali, godda jew *second hand*, huma kollha ta' origini barranija, dan l-Artikolu ma japplikax ghall-kaz ta' Malta. Sar accenn ghal dan l-argument ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati. Izda, din il-Qorti kkonsidrat li dan l-argument ma jregix. Fil-fatt fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea kien hemm kazijiet simili, fejn ma kienx hemm manifattura ta' vetturi f'dak il-pajjiz. Fil-kaz **De Danske Bilimportorer v Skatteministeriet Told – og Skattestyrelsen**, (*Case* C383/01) par.35, il-Qorti Ewropea espressament qalet:

*"The fact that a charge of that sort is in fact imposed solely on imported new vehicles, because there is no domestic production, is not such as to cause it to be characterized as a charge having equivalent effect, for the purposes of Article 25EC, rather than internal taxation within the meaning of Article 90EC, since it is part of a general system of internal dues applied systematically to*

*categories of vehicles in accordance with objective criteria irrespective of the origin of the products (see to that effect Case 90/97 Commission v France (1981) ECR 283, Par.14).”*

Oltre` dawk imsemmija, l-intimati m’ghamlu ebda argument iehor li a bazi tieghu jippruvaw jiggustifikaw li t-taxxa tar-registrazzjoni m’ghandhiex tigi rifuza lir-rikorrenti. Anzi, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, ikkonkludew bil-komputazzjoni taghhom, dwar dak li ghandu jigi rifuz lir-rikorrenti. Jigifieri, l-kontestazzjoni qeghda principalment dwar il-*quantum*.

**Applikazzjoni tal-Principji u argumenti ghall-kaz odjern.**

Il-Qorti taqbel mas-sintesi tal-formola ta’ kif kienet tinħadem it-taxxa fl-2008 sottomessa mill-intimati u cioe:

***Il-Valur ta’ Reġistrazzjoni tal-Vettura abbażi ta’ Cost, Insurance u Freight***

***x***

***Il-Persentaġġ attribwibbli għal kategorija taħt liema l-vettura ġiet ikklassifikata skont l-Ewwel Skeda***

**+**

***18% VAT***

Fil-kaz ta' uhud mir-rikorrenti, il-valur tal-vettura giet stabbilita skont il-*glass book* u ghall-ohrajn skont l-*invoice value*. Tajjeb jargumentaw ir-rikorrenti li l-valur fuq il-fattura fil-kaz taghhom, gja tinkorpora mhux biss il-valur tal-vettura, imma l-ewwel registrazzjoni f'pajjiz iehor u l-*profit margin* tal-venditur.

L-intimati issottomettew li gie ppruvat li generalment il-valur indikat fil-UK *glass book* huwa aktar baxx mill-*Valuation Guides* maħruġa mill-Malta *Insurance Association* għas-snin 2006-2008, kopja ta’ liema ġiet ippreżentata permezz ta’ CD mir-rikorrenti fit-8 ta’ Mejju 2013.

Fil-fehma tal-intimat il-kwistjoni ta’ diskriminazzjoni bejn vetturi użati u vetturi ġodda u l-inkompatibbilità tal-liġi Maltija ma’ dik Ewropea tqum biss meta l-valur taxxabbli wara l-użu tal-formola jinzerta jiġi taħt il-minimu impost bil-liġi. F’din is-sens kienet is-sentenza ta’ ***William sive Willie Grech et vs. Awtorita` ghat-Trasport f’Malta*** gja citata.

**Kalkolu ta' rifuzjoni li saret mill-Intimati.**

L-intimati ssottomettew b'applikazzjoni tat-test tal-kaz ta' William Grech, li r-rikorrenti huma ġustifikati biss li jieħdu lura dawn l-ammonti li ġejjin:

- **<u>Dr. Marco Ciliberti</u>** għandu jieħu lura’ **<u>€1,165</u>** bħala taxxa fuq is-sisa u **<u>€1,215.90</u>** bħala VAT;

- **Dr. Albert Bezzina** għandu jieħu lura’ **€123** bħala taxxa fuq is-sisa u **€4,612.14** bħala VAT;

- **Dr. Ivan X. Gatt** għandu jieħu lura’ **€861.87** bħala taxxa fuq is-sisa u **€3,060.80** bħala VAT;

- **Ruben Galea** għandu jieħu lura’ biss **€10,109.61** bħala VAT; u

- **John Farrugia** għandu jieħu lura’ **€747.95** bħala taxxa fuq is-sisa u **€620.46** bħala VAT;

**Kalkolu tar-rikorrenti:**

Uhud mir-rikorrenti[18] jikkontendu li l-medja ta’ deprezzament ta’ vettura fis-suq lokali hija ta’ 10.2% fis-sena, b’certu mudelli bhal ma huma Alfa Romeo u Audi li jiddeprezzaw b’rata medja ta’ 12.5% fis-sena u mudelli ohra bhal Porsche u BMW li jiddepprezzaw bir-rata medja ta’ 8% fis-sena. Inoltre jissuggerixxu rata ta' qligh minimu ta' 40% izda jikkoncedu li dan jista' ivarja wkoll.

Hawnhekk il-Qorti trid tabilfors tikkummenta li dawn il-formoli gew proposti fin-noti ta' sottomissjonijiet rikorrenti, u ghalhekk, meta l-provi gja inghalqu. Ma hemm xejn konkret u ppruvat dwar ir-rata ta' deprezzament u margni ta' profitt li qed jintuzaw fl-estrapolazzjonijiet li saru mir-rikorrenti. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax taccetta minn jeddha minghajr prova ulterjuri dawn ir-rati ta’ deprezzament, u minghajr linji gwida u esperjenza teknika. Kif gja

[18] Ciliberti, Galea u Farrugia

kkonstatat, l-uzu ta' linji gwida mhuwiex eskluz fl-applikazzjoni tal-artikolu 110 u t-tezi tar-rikorrenti jinvolvi pjuttost apprezzament fuq *case by case basis*.

Apparti din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li l-*Valuation Guide* mahruga mill-Assocjazzjoni ta' Assikuraturi jirrifletti l-valur fuq is-suq tal-vetturi li jinsabu fis-suq Malti, b'differenza tal-UK *Glass Book*. F'dan is-sens taqbel mar-rikorrenti li hija din il-gwida (VVG) li ghandha tintuza bhala bazi ghall-valutazzjoni ta' vettura. Il-valuri indikati sena b'sena jirriflettu d-*depreciated value* minghajr il-htiega ta' komputazzjoni ulterjuri. *Del resto* huma dawn il-valuri li jigwidaw is-suq ta' vetturi uzati f'Malta. Madanakollu huwa minnu li l-valuri f'din il-gwida huma ghola mill-valuri li intuzaw mill-Awtorita' u *stante* n-nuqqas ta' prova dwar rati ta' qligh u deprezzament, din il-Qorti bilfors ikollha torbot mal-valutazzjonijiet li saru mill-Awtorita`, *stante* din il-mankanza. Dan salv li ser jinghad dwar il-*minimum rate of tax.*

Inoltre jirrizulta li l-vetturi tar-rikorrenti kollha ghajr ghal dik ta' Ruben Galea, gew intaxxati bil-*minimum rate of tax* meta tahdem il-kalkoli, hekk kif jidher mid-dokumenti esebiti minn Brian Farrugia ma' l-affidavit tieghu.

***Proper Rate of Tax***

Ikkonsidrat li trid tigi applikata l-*proper rate of tax* minflok il-*minimum rate of tax.* Fil-fatt, fil-kawza **William Grech vs Awtorita` tat-Trasport**, gie applikat dan il-principju. F'dan

il-kuntest, irid jinghad ukoll, li r-rikorrenti fl-ebda mument, ma qalu li ma jaccettawx li ghandha tithallas taxxa ta' registrazzjoni, tant li fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom taw il-kalkoli varji, u xejn uniformi ma' xulxin. Is-sottomissjoni principali taghhom, kienet li l-ammont li l-vettura kellha tigi stmata, kellu jittiehed mill-*Vehicle Valuation Guides*, li huma esebew. Izda, jigi dedott li wahda mill-vetturi tar-rikorrenti, BMW M6, ma tidhirx elenkata f'din il-lista, u ohrajn jinsabu hemm imnizzlin sahansitra b'valur ghola minn dak li nghatalhom, u ghalhekk, meta nhadmu l-kalkoli tar-rikorrent, inhadmu fuq valur ghola minn dak stmat, li finalment ma jistax jaghti rizultat ekwu skont il-ligi.

**Konkluzjoni : Ammonti li ghandhom Jigu Rifuzi lir-Rikorrenti**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, ser jigi deciz is-segwenti:

**Dr. Marco Ciliberti:** il-vettura giet stmata fl-ammont ta' €9,317 mill-Awtorita`, bir-rata ta' taxxa ta' 60%. Ghalhekk, il-*proper rate* ta' taxxa kellha tkun €5,590.

Illi r-rikorrent sostna f'dan il-kaz li fl-2007, skont il-*Vehicle Valuation Guide*, il-valur kien ta' €15,839.74 (u cjoe` valur ghola minn dak stmat), izda, meta ddivida dan bil-valur gross skont il-formola minnu maghmula, talab is-somma ta' €4,359.56.

Fil-kaz tieghu, l-minimu msemmi fil-ligi skont it-taxxa tas-sisa dak iz-zmien kien jammonta ghal €6,755. Meta jitnaqqas dan l-ammont minimu mill-*proper rate* ta' taxxa, €5,590, jirrizulta li Dr. Marco Ciliberti ghandu jiehu €1,165 f'taxxa ta' registrazzjoni u €1,215.90 f'VAT.

**Reuben Galea:** Il-vettura giet stmata fl-ammont ta' €74,886 bir-rata ta' taxxa ta' 75%. Ghalhekk, il-*proper rate* ta' taxxa kellha tkun ta' €56,164.50.

Ir-rikorrent sostna f'dan il-kaz, li l-valur tal-vettura bhal din fis-suq lokali dak iz-zmien kien €129,066.70 (valur ghola ferm minn dak stmat mill-Awtorita`), izda meta ddivida dan bil-valur gross skont il-formola minnu maghmula talab is-somma ta' €14,619.42. Billi l-valur ta' din il-vettura BMW M6 ma tidhirx fil-*Vehicle Valuation Guide* huwa ferm aktar difficli li l-ammont mitlub mir-rikorrent a bazi tal-valur moghti minnu, jigi accettat.

Fil-kaz tieghu, billi l-valur li thallas f'dan il-kaz kien ezattament dan l-ammont ta' *proper tax* €56,164.50, ghandu jiehu biss l-ammont ta' €10,109.61 f'VAT.

**John Farrugia:** il-vettura giet stmata fl-ammont ta' €4,694 bir-rata ta' taxxa ta' 57.5%. ghalhekk, il-*proper rate* ta' taxxa kellha tkun ta' €2,699.05.

Ir-rikorrent sostna permezz ta' valur ghola minn dak stmat, u ddivida l-valur minnu citat, taxxabli bil-valur gross, skont il-formola minnu maghmula, talab ammont ta' €1,877.41.

Fil-kaz tieghu, l-minimu msemmi fil-ligi skont it-taxxa tas-sisa dak iz-zmien kien jammonta ghal €3,447. Meta tnaqqas dan l-ammont minimu mill-*proper rate of tax* ta' €2,699.0 jirrizulta li John Farrugia ghandu jiehu l-ammont ta' €747.95 f'taxxa ta' registrazzjoni u €620.46 f'VAT.

**Dr.Albert Bezzina**: il-vettura giet stmata fl-ammont ta' €34,000, bir-rata ta' taxxa ta' 75%. Ghalhekk, il-*proper rate* ta' taxxa kellha tkun ta' €25,500.

Illi jekk jittiehed il-valur residwu ta' vettura mahduma fuq compound linear depreciation ta' 10% (hekk kif indikat mir-rikorrent Albert Bezzina fin-nota ta' sottomissjonijiet), ihalli valur residwu kredibbli ta' €28,616.

Fil-kaz tieghu, l-minimu msemmi fil-ligi skont it-taxxa tas-sisa uzata dak iz-zmien kien jammonta ghal €25,623. Meta jitnaqqas dan l-ammont minimu mill-*proper rate* ta' taxxa, €25,500 jirrizulta li r-rikorrent Dr. Albert Bezzina ghandu jiehu lura €123 f'taxxa ta' registrazzjoni u €4,612.14 f'VAT.

**Dr. Ivan X. Gatt**: il-vettura giet stmata fl-ammont ta' €21,520, bir-rata ta' taxxa ta' 75%. Ghalhekk, il-*proper rate* ta' taxxa kellha tkun €16,142.56- €21,520 x 75%

Illi jekk jittiehed il-valur residwu ta' vettura mahduma fuq *compound linear depreciation* ta' 10% (hekk kif indikat mir-rikorrent Ivan Gatt fin-nota ta' sottomissjonijiet), ihalli valur

residwu kredibbli ta' €29,979. Jigi osservat li dan l-ammont hu ghola minn dak stmat mill-Awtorita`.

Fil-kaz tieghu l-minimu msemmi fil-ligi skont it-taxxa ta' sisa uzata dak iz-zmien kien jammonta ghal €17,004.43) meta jitnaqqas dan l-ammont minimu mill-*proper rate* ta' taxxa €16,142.56 jirrizulta li r-rikorrent Dr. Ivan X. Gatt ghandu jiehu €3,060.80, f'VAT u €861.87 f'taxxa ta' registrazzjoni.

Jirrizulta li wara l-interpellazzjoni li saret lill-Awtorita` intimata minn uhud mir-rikorrenti, t-talba ghall-imghax hija wkoll gustifikata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tillibera lill-Onor. Prim' Ministru mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tar-rikorrenti kollha, u inoltre, tastjenti milli tiehu konjizzjoni aktar tat-talbiet in riferibbilment ghar-rikorrenti Ramon Azzopardi u Kevin Sultana , tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti skont dan li gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti u tiddikjara li l-impostazzjoni tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni *ai termini* tal-Kap 368, u t-taxxa fuq il-valur mizjud *ai termini* tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta fuq l-ewwel registrazzjoni fit-termini ta' din is-sentenza tmur kontra **l-Artikolu 110 gja 90 tat-Trattat tal-Funjonzament tal-Unjoni Ewropea (TFEU)** u

d**-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112 KE** dwar is-sistema komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimata Awtorita` tat-Trasport applikat dawn il-ligijiet bi ksur ta' l-**Artikolu 110 gja 90 tat-Trattat tal-Funjonzament tal-Unjoni Ewropea (TFEU)** u d**-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112 KE.**

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitatament billi tiddikjara u tiddeciedi illi l-impostazzjoni tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni f'Malta kkalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kull wahda mill-vetturi proprjeta' tar-rikorrenti minghajr effett in kwantu timponi rata ta' taxxa minima in eccess tar-rata ta' taxxa li kellha tapplika ghall-istess vettura.

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-impostazzjoni tal-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni f'Malta fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti hija nulla u invalida, u minghajr effett, u tmur kontra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u d-Direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/112KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-Valur mizjud.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna lill-Awtorita` tat-Trasport biex tirrifondi lil kull wiehed mir-rikorrenti, l-ammonti elenkati fil-parti intitolata "**Konkluzjoni : Ammonti li ghandhom Jigu Rifuzi lir-Rikorrenti"** li ghandha titqies bhala parti integrali minn din is-sentenza, *stante* li kull

wiehed mir-rikorrenti hallas l-ammonti zejda bi ksur tal-Kap 368, u 406 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-Artikolu 110 (gja 90) tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-direttiva tal-Kunsill bin-numru 2006/12KE dwar is-sistema komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittri ufficjali rispettivi tal-21 ta' Frar 2008 .

**L-ispejjez, inkluzi tal-Onor. Prim' Ministru, huma a karigu tal-Awtorita' Intimata salv dawk ta' Kevin Sultana u Ramon Azzopardi li ghandhom jissaportu l-ispejjez taghhom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Gunju 2016**